MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 1246/1994/1

**Mario Bonnici u Robert Gauci**

**vs**

**Peter Axisa ghan-nom u in rapprezentanza ta' Jax Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ippremettew:-

Illi huma u l-konvenut nomine kellhom negozju bejniethom, konsistenti f'xoghol ta' panel-beating u spraying ta' karozzi, liema xoghol kien parti mill-azjenda tal-konvenut nomine;

Illi l-partijiet temmew tali relazzjoni bejniethom, u ma sarux il-kuntegg relattivi, minn fejn ghandu jirrizulta kreditu favur l-atturi dovut mill-istess konvenut nomine;

Illi l-partijiet ma jistghux jaslu bejniethom ghal-likwidazzjoni tal-pendenzi ta' bejniethom, u b'hekk il-kreditu dovut jibqa' ma jithallasx u dan b'dannu u pregudizzju ghall-atturi;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut nomine jghid ghala din il-Qorti m'ghandhiex:-

(1) tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut nomine lill-atturi bhala bilanc finali, wara li jsiru l-konteggi, u dan jekk hekk huwa l-bzonn wara li jigi nominat perit komputista;

(2) tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-atturi is-somma li tigi hekk likwidata;

Bl-ingunzjoni tal-konvenut nomine ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru tas-16 ta' Settembru, 1994;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn gie eccepit :-

1. Preliminarjament illi l-esponenti ma ghandux ebda relazzjoni guridika mal-attur Robert Gauci stante li dan la kien impjegat tieghu u lanqas ma kellu xi arrangament kummercjali mieghu u ghalhekk in kwantu t-talbiet attrici huma diretti minnu dawn ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez billi mhux il-legittimu kontradittur;

2. Bla pregudizzju ghall-premess l-intempestiva tal-azzjoni stante illi meta l-attur Mario Bonnici flimkien mal-attur l-iehor, li mieghu il-konvenut ma kellu ebda relazzjoni guridika billi kien sar xi tip ta' xi arrangament intern bejniethom, provaw jaraw x'inhu l-ammont li kienu

qeghdin jippretendu minghand il-konvenut u l-konvenut kien beda jara jekk attwalment kienx ghad hemm xi ammont li seta' kien dovut lilhom, huwa minflok ma baqghu jistennew ftit tal-granet, qabdu u istitwew dawn il-proceduri, proceduri b'mandat ta' sekwestru fil-banek u f'idejn il-kumpaniji tal-assikurazzjoni fl-ammont ta' Lm7200 u b'hekk ikkawzaw danni serji lill-eccipjenti li ghalihom qeghdin minn issa jinzammu responsabbli;

3. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu huwa veru li kien hemm xi tip ta' arrangament dwar ix-xoghol li kien qieghed jigi esegwit mill-attur Mario Bonnici fil-garage tal-konvenut pero tali sistema giet frustrata mill-atturi u in fatti hafna mill-impjegati tal-konvenut sa waslu anke biex ma jahdmux overtime, meta kienu ilhom is-snin jahdmuh u wara li l-atturi laqqghu lill-haddiema tal-konvenut, minn wara daru, informaw lill-esponent li huma kienu irrizenjaw mix-xoghol u hallew hafna xoghol li kien gia lahqu bdew inkomplet u kellu jigu kompletat mill-esponenti bi sforz kbir u b'telf qawwi, ghal-liema telf huma direttament responsabbli l-atturi;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut nomine fejn gie premess:-

Illi huwa nomine jixtieq jipprevalixxi ruhu minn din l-azzjoni u permezz tal-prezenti qieghed jiccita lill-atturi in via rikonvenzjonali bil-mod li gej:

1. Illi l-esponenti kellu arrangament mal-attur ta' sub-contracting ta' xoghol li jidhol fil-garage tal-konvenut, liema subcontracting kien intiz biex ikopri xoghol ta' spray u panel beating;

2. Illi dan l-arrangament beda isehh u l-konvenut sa abbozza ftehim li huwa ipprezenta lill-atturi u dawn, avolja attwalment kienu qeghdin jonoraw dak li kien miktub f'dan il-ftehim, qatt ma fizikament iffirmaw l-istess ftehim;

3. Illi l-atturi flok ma komplew bix-xoghol taghhom kif suppost u kif kien originarjament intiz, huma bdew ixewxu

lill-impjegati tal-konvenut nomine u inoltre provaw anke jisirqu klijenti tal-esponenti;

4. Illi dan l-atteggjament tal-atturi fil-konfront tal-konvenut, flimkien mal-proceduri legali kawtelatorji li huma ghamlu, u flimkien mal-fatt li l-konvenut kellu jikkompleta x-xoghol li l-atturi hallew nofs triq, ikkawzaw danni lill-konvenut li ghalihom inzammu u qed jinzammu responsabbli;

5. Illi ghalkemm l-atturi mitluba sabiex jaraw x'seta' kien dovut lejhom sal-guranta li irrizenjaw mix-xoghol, flok ghamlu hekk qabdu u istitwew il-proceduri legali kontra l-konvenut u b'hekk komplew ikkawzaw aktar danni;

Ghalhekk il-konvenut nomine talab li l-atturi, in via rikonvenzjonali, jghidu ghaliex din il-Qorti:-

(1) ma ghandhiex tiddikjarahom responsabbli ghad-danni versu l-konvenut minhabba dan l-agir irresponsabbli, abbusiv, u illegali, liema danni jigu likwidati f'gudizzju separat;

Bl-isepjjez u b'riserva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-konvenut kontra l-atturi li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine ghat-talba tieghu rikonvenzjonali debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi fl-ewwel lok it-talba rikonvenzjonali ma tistax tinghata peress illi c-citazzjoni hija fuq rezakonti u mhux a bazi ta' xi fatt illi jista' jaghti lok ghat-talba rikonvenzjonali;

2. Illi fit-tieni lok, fil-mertu, t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi huma ma kkawzaw l-ebda danni, peress illi ma kkommettew l-ebda att li huwa agir irresponsabbli, abbusiv, jew illegali;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi rikonvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi;

Rat in-nota responsiva tas-socjeta konvenuta;

Ikkunsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi jippremettu li huma kellhom negozju mas-socjeta konvenuta fejn huma kienu jghamlu xoghol ta' panel-beating u spraying ta' karozzi u dana bhala parti mill-azjenda gestita mill-istess socjeta konvenuta. Huma jkomplu jippremettu li din ir-relazzjoni mas-socjeta konvenuta giet terminata pero' ghadhom ma sarux il-konteggi relattivi. Huma jsostnu li ghandu jirrizulta li hemm kreditu favur taghhom. Huma inoltre isostnu li mhux qed jaqblu mas-socjeta konvenuta dwar il-likwidazzjoni tal-ammont semmai dovut lilhom u ghalhekk qed jitolbu li jigi likwidat dan l-ammont dovut lilhom mis-socjjeta konvenuta bhala bilanc finali wara li jsiru l-konteggi relattivi u li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas is-somma li tigi hekk likwidata;

Da parti taghha s-socjeta konvenuta qed teccepixxi preliminarjament illi s-socjeta konvenuta ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-attur Robert Gauci. Fit-tieni lok qed jigi eccepit illi din l-azzjoni hi intempestiva stante li minflok ma l-atturi stennew ftit granet sakhemm saru l-konteggi huma qabdu u intavolaw dawn il-proceduri u inoltre ottjenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju.  Is-socjeta konvenuta teccepixxi inoltre illi kienu l-atturi li kienu ffrustraw ir-relazzjoni tan-negozju in kwestjoni u in effett l-atturi hallew hafna xoghol inkomplet;

Is-socjeta konvenuta ghamlet kontro-talba fejn gie premess li huwa minnu li kien hemm relazzjoni ta' negozju ma wiehed mill-atturi. Is-socjeta konvenuti tkompli tippremetti li l-atturi bdew ixewxu l-impjegati tas-socjeta konvenuta u ukoll provaw jisirqu klijenti taghha. Dan, kif ukoll il-proceduri legali kawtelatorji li ghamlu l-atturi u kif ukoll il-fatt li s-socjeta konvenuta kellha tikkompleta x-xoghol li l-atturi hallew nofsu mghamul, ikkawzaw danni lis-socjeta konvenuta. Inoltre l-atturi minnfolk ma stennew li jsiru l-konteggi qabdu u istitwew dawn il-proceduri u b'hekk komplew ikkawzaw aktar danni. Ghalhekk is-socjeta konvenuta fil-kontro talba taghha qed titlob li l-atturi jigu dikjarati responsabbli ghad-danni versu taghha minhabba l-imsemmi agir irresponsabbli, abbusiv, u illegali. Is-socjeta konvenuta ddikjarat li l-likwidazzjoni ta' dawn id-danni ghandha ssir f'gudizzju separat;

L-atturi ghar-rigward tal-imsemmija kontro-talba qed jeccepixxu li preliminarjament it-talba rikonvenzjonali hi rritwali peress li t-talba fic-citazzjoni tirrigwarda rezakonti u mhux xi fatt li jista' jaghti lok ghat-talba rikonvenzjonali tas-socjeta konvenuta. Fil-mertu t-talba hija infondata peress illi huma ma kkawzaw l-ebda danni u peress illi ma kkommettew l-ebda att li huwa agir irresponsabbli, abbusiv, jew illegali;

Fl-ewwel lok is-socjeta konvenuta qed teccepixxi li ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika ma wiehed mill-atturi u cioe’ ma l-attur Robert Gauci. Jigi rilevat li l-kontro-talba taghha s-socjeta konvenuta ghamlitha fil-konfront taz-zewg atturi. Fi kwalunkwe kaz ghandu jinghad li saru hafna provi dwar din l-eccezzjoni, li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti, hi eccezzjoni purament ta’ valur akkademiku. Dan qed jinghad peress li t-talba tal-atturi hi li ghandhom isiru

l-konteggi mas-socjeta konvenuta ghar-rigward ta' negozju bejn l-atturi u l-istess socjeta konvenuta fejn l-atturi kienu jghamlu xoghol ta' panel-beating u spraying ta' karozzi. Dawn il-konteggi ghandhom ghalhekk isiru irrespettivament jekk il-relazzjoni ta' negozju kinitx bejn is-socjeta konvenuta u z-zewg atturi jew bejn l-istess socjeta konvenuta u wiehed biss mill-atturi. F'dan ir-rigward iridu jsiru dejjem l-istess konteggi irrispettivament jekk l-atturi kellhomx ikunu tnejn jew wiehed biss;

Fi kwalunkwe kaz, ghar-rigward ta' din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta, mill-provi jidher li l-ftehim verbali ghar-rigward ta' din ir-relazzjoni ta' negozju sar biss bejn l-attur Mario Bonnici u s-socjeta konvenuta. Permezz ta' dan il-ftehim l-istess attur Bonnici obbliga ruhu li jghamel ix-xoghol kollu ta' panel beating u spraying konness man-negozju gestit mis-socjeta konvenuta. Jidher ukoll li l-attur l-iehor Gauci kien semplicement impjegat mal-attur Bonnici, ghalkemm seta kien hemm ukoll xi ftehim ta xi relazzjoni ta' negozju bejn iz-zewg atturi;

Ghalhekk jirrizulta li l-attur Robert Gauci m'ghandux 'locus standi' f'dawn il-proceduri;

Relattivament ghall-meritu tal-kwestjoni, u cioe ghar-rigward tat-talbiet attrici, ghandu jnghad li l-attur u s-socjeta konvenuta ma jaqblux dwar it-termini tal-ftehim li kien hemm bejnithom. Jaqblu li x-xoghol li kienet tghaddi s-socjeta konvenuta lill-attur kien nofs bin-nofs. Ovvjament l-attur kien responsabbli li jhallas lill-haddiema tieghu ghalkemm jirrizulta li dawn gieli thallsu mis-socjeta konvenuta u sussegwentement il-flus hekk avanzati kellhom jigu rifuzi mill-attur. L-attur jippretendi li hu kellu l0% fuq ix-xoghol tal-ispray u dana bhala incentiv. Dan pero' mhux ammess mis-socjeta konvenuta;

Jidher li l-konteggi li ghad ghandhom isiru jirreferu ghall-ahhar xaharejn u nofs u cioe' mill-1 ta' Gunju l994 sad-19 ta' Awissu l994.

Ghar-rigward ta' dan il-periodu l-attur ippresenta prospetti li jindikaw it-"turnover" ghal kull wiehed mill-imsemmija

tlett xhur. Dawn il-prospetti jindikaw li l-attur ghad ghandu jiehu is-somma ta’ Lm8966.29. Ma jistax jinghad pero’ li dawn il-konteggi huma ghal kollox esatti. In effett hemm inkluzi ammonti, li possibilment ma kellhomx jigu inkluzi u dana kontra s-socjeta konvenuta. Hemm ukoll inkluz l-imsemmi persentagg fuq ix-xoghol tal-ispray u hemm dubju jekk tali persentagg kellux jigi konteggjat;

Kollox ma kollox pero’ l-konteggi kif presentati mill-attur huma aktar kredibbli minn dawk presentati mill-accountant tas-socjeta konvenuta. In effett id-dokument presentat mill-imsemmi accountant mhux ghall-kollox kredibbli u car. Hemm figuri li ma gewx spjegati sewwa. Inoltre dan l-esercizju jiehu in konsiderazzjoni l-valuri ta’ ghodda u materjal li kienu tas-socjeta' konvenuta u li allegatament ittiehdu mill-attur. Ittiehdet ukoll in konsiderazzjoni s-somma ta’ Lm6000 bhala valur ta’ “jig” li allegatament kien jiffunzjona u ma baqax jiffunzjona wara li gie uzat mill-attur. Ma tirrizulta ebda gustifikazzjoni ghar-rigward tal-imsemmija somma ta’ Lm6000. Ma ngiebet ebda prova dwar l-involiment tal-attur fl-imsemmija ghodda, materjal u jig. Inoltre jidher li certi valuri huma bbazati semplicement fuq stimi;

Ghalhekk sabiex jigi stabbilit jekk hemmx ammonti li ghadhom dovuti lill-atturi ser jittiehdu bhala bazi l-prospetti presentati mill-istess attur. Il-likwidazzjoni pero’ ser issir “arbitrio boni viri” peress li ma jidhirx li l-ammont kollu kif rizultanti mill-istess prospetti hu dovut. Skond ir-risultanzi u in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz jidher li hu opportun u gust li l-ammont reklamat ta’ Lm8966.29 ghandu jitnaqqas u dana ghall-ammont ta’ hamest elef liri maltin (Lm5000);

Ghalhekk qed jigi dikjarat li hemm ammonti li huma dovuti mis-socjeta konvenuta lill-attur u dawn l-ammonti qed jigu likwidati “arbitrio boni viri” fis-somma ta Lm5000;

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta ghandha tigi akkolta u ghalhekk peress li l-attur Robert Gauci m'ghandux "locus standi" is-socjeta konvenuta ghandha tigi liberata mill-osservanza talk-gudizzjju ghar-rigward tal-istess attur Gauci. L-eccezzjoni l-ohra kollha tas-socjeta konvenuta ma jirizultawx sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu michuda. Konsegwentement it-talbiet tal-attur Mario Bonnici jirrizultaw sufficjentement pruvati u b'hekk ghandhom jigu milqugha. Il-kontro-talba tas-socjeta konvenuta ma tirrizultax sufficjentement. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li kienu l-atturi li pprovokaw ix-xoljiment tar-relazzjoni ta' negozju li kien hemm bejn l-attur u s-socjeta konvenuta. L-attur kellu kull dritt li jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu bil-mezzi li ttih il-ligi. Ghalhekk it-talbiet tas-socjeta konvenuta fil-kontro-talba taghha ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta konvenuta u b'hekk tiddikjara li l-attur Robert Gauci m'ghandux "locus standi" u konsegwentement is-socjeta konvenuta qed tigi liberata mill-osservanza talk-gudizzju ghar-rigward tat-talbiet tal-istess attur Gauci; billi fit-tieni lok tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tas-socjeta konvenuta u billi fit-tielet lok tilqa it-talbiet tal-attur Mario Bonnici u tillikwida l-ammont dovut mis-socjeta konvenuta lill-istess attur Bonnici "arbitrio boni viri" fis-somma ta' hamest elef liri maltin (Lm5000) u dana bhala bilanc finali u ghal ragunijiet indikati fic-citazzjoni u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lill-attur Bonnici l-istess somma ta' Lm5000 u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament; u billi fir-raba lok tichad it-talbiet kollha tas-socjeta konvenuta kif kontenuti fil-kontro-talba;

Spejjez kollha jithallsu kwantu ghall parti wahda minn tmienja (1/8) mill-attur Gauci u kwantu ghar-rimanenti seba partijiet minn tmienja (7/8) mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------